IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru20 (għoxrin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar it-Tlieta, 5 ta' Mejju, 2020, fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**20.1 Item Nru.20.1 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

20.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**20.2 Item Nru. 20.2 fuq l-Aġenda -** Xogħol importanti li jrid isir.

20.2.1 Is-Sindku qal li dwar ir-railing tax-Xatt huwa bgħat lil Ministru Ian Borg u Infrastructure Malta bit-talba biex ir-railing isir mil-aktar fis.

Is-Sindku qal ukoll li tkellem mal-Ministru Julia Farrugia sabiex jara jistax jigi rrangat mil-FTZD u din wiegbet fil-pozittiv. Ghalhekk ix-xoghol gie mgħoddi lid-Direttur Generali s-Sur Ramon Deguara sabiex issir it-tiswija li hemm bzonn.

Is-Segretarju qal ukoll li hemm ukoll PQ dwar ir-railing biex jaraw meta ser isir ir-railing.

20.2.2 Is-Sur Attard qal li l-ħaxix ta' Fort Park Triq il-Fortizza tal-Grazzja beda jinqata u ser jitkompla fil-ġranet li ġejjin.

20.2.3 Is-Sindku qal li l-camera tar-round about ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja twaħħlet u diġa inqabad xi ħadd li qiegħed isuq eċċessiv u jagħmel drifting. Għalhekk il-filmat ser jgħaddi għand il-Pulizija.

20.2.4 Is-Sindku qal li ħabba l-ħmieġ li hemm fi plott fi Triq Wied Glavan hemm bżonn li jitnaddaf mil-aktar għalhekk kulħadd qabel li jsir dan ix-xogħol. Hemm ukoll plots x'jitnaddfu fi Triq il-Fabbriki kif ukoll Triq Carmelo Penza ma' Dawret x-Xatt.

20.2.5 Is-Sur Attard qal li l-biċċa ta' quddiem il-Joe Joes bdiet titnaddaf u ser titlesta fil-ġranet li ġejjin.

20.2.6 Is-Sur Attard qal li dwar il-jogging track bgħatna lil Ministeru tal-Finanzi sabiex iżiduha fil-budget tas-sena d-dieħla.

20.2.7 Is-Sindku qal li dwar is-sleeping police ta' Dawret ix-Xatt ergajna tkellimna mas-Sur Michael Cohen Transport Malta u ergajna ħadna qisien u ritratti u bgħatna kollox b'email għalhekk issa nerġgħu nistennew l-eżitu tagħhom.

20.2.8 Il-Kunsill qabel li ssir iż-żebra crossing ta' quddiem il-Joe Joes kif propost minn TM u għalhekk ser jitqabbdu l-Koptasin biex issir.

20.2.9 Il-Kunsill qabel unanimament li nipproċedu bil-Bye Law tal-caravans fix-Xgħajra. Għalhekk inkellmu lil Avukat Dr. Fenech sabiex ikompli bl-abbozz li ippropona.

20.2.10 Is-Sindku ippropona li nirranġaw Sqaq it-Tuta l-parti ta' ġewwa għaliex jinsab perikoluż. Il-kunsill qabel li jitwitta u jintefa materjal.

20.2.11 Is-Sur Raymond Attard staqsa jekk jistawx jitwaħħlu aktar arbli b'dawl dekorativ max-Xatt quddiem l-eks Home bar għaliex dik iz-zona hija mudlama ħafna. Il-Kunsill qabel li ingibu stima ta' dan id-dawl mingħand in-Nexos.

**20.3 Item Nru. 20.3 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

20.3.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8pm

Aġġornament għal-nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju, 2020 fil-5.30pm

Iffirmat

________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

________________________

Neil Attard

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR12060 – Malta
Tel: 216920269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt